**Nru. 1205**

**MINISTERU GĦALL-FINANZI**

**Għotjiet għal Tiġijiet/Ċerimonji ta' Unjonijiet Ċivili, Funerali u Ordinazzjoni għas-Saċerdozju**

IL-MINISTERU għall-Finanzi javża illi applikazzjonijiet għal għotjiet taħt l-iskemi mħabbra skont in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 965 tat-23 ta' Settembru, 2014, għandhom, b'effett mill-1 ta' Novembru, 2017, isiru biss permezz ta' portal/i elettroniku/ċi uffiċjali li jistgħu jiġu indikati għal dan il-għan minn żmien għal żmien.

Għal dan il-għan, l-applikant għandu jagħti d-dettalji tal-fatturi/l-irċevuti fiskali u kull dokumentazzjoni oħra meħtieġa hekk kif meħtieġ fuq il-portal indikat: Iżda l-irċevuti fiskali oriġinali/fatturi u dokumentazzjoni rilevanti għandhom jinżammu mill-applikant għal perjodu ta' mhux anqas minn sentejn mid-data tal-applikazzjoni u jiġu preżentati lill-Kummissarju tat-Taxxi meta mitluba għal skop ta' verifika. Il-pagament tal-għotja jiġi ddepożitat fil-kont bankarju indikat fuq l-applikazzjoni.

Fil-każ ta' nuqqas ta' preżentazzjoni ta' dokumenti meta mitluba, l-applikant ikun obbligat li jirrifondi l-ammont li jkun ingħata taħt l-iskema u, f'każ ta' applikazzjoni frawdolenti, tittieħed azzjoni kriminali kontra tiegħu skont l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9).

Il-31 ta' Ottubru, 2017

**No. 1205**

**MINISTRY FOR FINANCE**

**Weddings/Civil Union Ceremonies, Funerals and Priesthood Ordination Grants**

THE Ministry for Finance notifies that applications for grants under the schemes announced as per Government Notice No. 965 of the 23rd September, 2014, shall, with effect from the 1st November, 2017, be made only via the official electronic portal/s which may be indicated from time to time for this purpose.

For this purpose, the applicant shall furnish the details of the invoices/fiscal receipts and any further documentation required to be submitted as required on the indicated portal: Provided that the original fiscal receipts/invoices and relevant documentation shall be kept by the applicant for a period of not less than two years from the date of application and produced upon request to the Commissioner for Revenue for verification purposes. The grant payment will be deposited in the bank account indicated on the application form.

In the case of failure to produce any such documents upon request, the applicant shall be obliged to refund the amount paid under the scheme and, in the case of a fraudulent application, criminal action shall be taken against him in terms of article 309 of the Criminal Code (Cap. 9).

31st October, 2017

**Nru. 1206**

**MINISTERU GĦALL-FINANZI**

**Għotja ta' darba fuq Xiri ta' Strument Mużikali**

IL-MINISTERU għall-Finanzi javża illi applikazzjonijiet għal għotjiet taħt l-iskemi mħabbra skont in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 204 tal-1 ta' Marzu, 2005, għandhom, b'effett mill-1 ta' Novembru, 2017, isiru biss permezz ta' portal/i elettroniku/ċi uffiċjali li jistgħu jiġu indikati għal danil-għan minn żmien għal żmien.

Għal dan il-għan, l-applikant għandu jagħti d-dettalji tal-fatturi/l-irċevuti fiskali u kull dokumentazzjoni oħra meħtieġa hekk kif meħtieġ fuq il-portal indikat: Iżda, l-irċevuti fiskali oriġinali/fatturi u dokumentazzjoni rilevanti għandhom jinżammu mill-applikant għal perjodu ta' mhux anqas minn sentejn mid-data tal-applikazzjoni u jiġu preżentati lill-Kummissarju tat-Taxxi meta mitluba għal skop ta' verifika. Il-pagament tal-għotja jiġi ddepożitat fil-kont bankarju indikat fuq l-applikazzjoni.

**No. 1206**

**MINISTRY FOR FINANCE**

**A Once-Only Grant on the Purchase of a Musical Instrument**

THE Ministry for Finance notifies that applications for grants under the schemes announced as per Government Notice No. 204 of the 1st March, 2005, shall, with effect from the 1st November, 2017, be made only via the official electronic portal/s which may be indicated from time to time for this purpose.

For this purpose, the applicant shall furnish the details of the invoices/fiscal receipts and any further documentation required to be submitted as required on the indicated portal: Provided that the original fiscal receipts/invoices and relevant documentation shall be kept by the applicant for a period of not less than two years from the date of application and produced upon request to the Commissioner for Revenue for verification purposes. The grant payment will be deposited in the bank account indicated on the application form.